# DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Nru: 3/2015** **28 ta' Mejju 2015**

## Taħriġ fil-qasam ta' nar industrijali għal membri tal-Protezzjoni Ċivili

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili flimkien mal-Mediterranean Offshore Bunkering Co. Ltd (MOBC) illum organizzaw eżerċizzju tà taħrġ fil-qasam ta' nar industrijali bħala simulazzjoni li fih ipparteċipaw madwar 45 membru tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili inkluż rekluti li bħalissa għadhom għaddejjin b'kors ta' taħriġ għal Assistance and Rescue Officers. F'din l-operazzjoni ta' taħrig ġie simulat tifi ta' nar f'wieħed mit-tankijiet li fih kien hemm maħżun żejt mhux maħdum permezz t'erba' fire engines u trakk tal-foam.

Dan huwa parti minn taħriġ fil-qasam tal-*Control of major accident hazards (COMAH)* li hija parti mid-direttiva tal-Unjoni Ewropea SEVESO li taħdem ma' entitajiet fil-qasam tal-Protezzjoni Ċivili fil-prevenzjoni tà aċċidenti u diżastri.

Dan l-eżerċizzju tmexxa mill-Operations Manager, is-Sur Anthony Pisani, bl-assistenza tal-Istation Officers is-Sur James Newell u s-Sur Anthony Portelli. Il-Kap tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, is-Sur John Rizzo, u uffiċjali oħra tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kienu wkoll preżenti sabiex isegwu dan l-eżerċizzju mill-qrib. F'dan l-eżerċizzju ta' taħriġ kien hemm ukoll preżenti uffiċjali u ħaddiema tal-MOBC.

**John Rizzo**
**Kap tal-Protezzjoni Ċivili**